MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Numru 356/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Portelli )**

**vs**

**Charles Bianco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Charles Bianco ta' 31 sena, bin Joseph u Pija nee' Zammit, imwieled B'Kara fil-25/01/68 u joqghod 'Highway flats', flat 4, Valley Rd, B'Kara. Detentur ta' karta tal-identita bin-numru 44368(M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' Mejju 1997, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm500 ghad dannu tal-kwerelanti Bruce u Mary Grace Micallef, dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Fl-ewwel lok tiddikjara li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fis-sena 2007 u qabel kienet quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Cassar BA., LL.D. (illum ex Magistrat).

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat Charles Bianco datata 19 ta' Ottubru, 1999 u liema Stqarrija tinsab minn fol. 9 sa fol. 10 tal-Process:

"M. X'kienet ir-raguni lit-transfer ta' din il-vettura li xtara Micallef baqa ma' sehx?
R. <u>Dan dam ma' jresaq is-showroom xi disa xhur u barra min hekk jien kont ghedtlu li qabel it-transfer ried jaghmel inspection tal-magna li dan baqa ma' giex.</u>
M. Ir-registru tal-licenzji ghadu juri l-imsemmija vettura irregistrata taht isem iehor u mhux tieghek, ghaldaqstant int x'jedd kellek tbiegh din il-karozza?
R. Jien nghid lil-ftehim tieghi kien ma' Antoine u jien bqajt bil-qbil li Antoine itini il-log book li dan kif diga ghedt baqa ma' tanhiex." (Sottolinjar tal-Qorti)

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni tal-imputat Charles Bianco moghtija fis-Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007 fejn l-imputat qal:

"Nghid ghadha kif inqratli l-istqarrija tieghi li tinsab a fol 9 u 10 tal-Process esebita bhala Dok IP 4. Nghid illi jiena nikkonferma din l-istqarrija salv spjegazzjoni li ha nsemmi issa. U cioe' nghid illi in kwantu ghal vettura registration number BBH 049 tal-marka Fiat 127 l-log book kien f'idejha. U hawn nixtieq nippreciza li jiena wara li kont irrilaxxajt l-istatement u cioe' xi jumejn jew tliet t'ijem wara jien ghaddejt kopja tal-log book ta' l-imsemmija vettura. Jiena lill-ispettur ghaddejtulu wkoll kopja tal-kancellament tad-dejn. Qieghed nesebixxi vera kopja ta' l-original tal-log book in kwantu tal-vettura li semmejt li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok CBA 1. Qieghed nesebixxi vera kopja ukoll tal-cancellation of debt li qeghda tigi esebita bhala dok CBA 2. U qieghed nesebixxi wkoll kopja vera tan-notice of transfer li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala dokument CBA 3.

In kwantu ghal Bruce Micallef nghid dan kien gie ghandi, kien jigi ghandi biex ihallas pagamenti ta' vettura fix-xahar ta' vettura li kien xtara minghandi. Huwa ra l-vettura BBH 049 u dana xtaq, hu xtaq li jpartat billi jiehu din il-vettura BBH 049, jghaddili lura il-vettura li kien xtara li kien ghadu qed jaghmel il-pagamenti u jzidni fil-prezz. Jhidirli li kien ziedni bhala ammont xi seba' mitt lira. Nghid in kwantu ghal vettura li jiena kont beghet lil dan Bruce Micallef u li kien qed ihhallasni f'pagamenti kien diga' sar it-transfer fuqu u nghid illi imbaghad meta gejna allura biex hu jiehu l-Fiat BBH 049 jiena ghidt lil Bruce Micallef biex hu jghaddili l-log book tal-vettura li hu kien xtara precedentement u kien qed ihallasni ratealment halli jiena naghmel dik il-vettura fuq ismi for resale. U jiena ghidtlu biex jiena imbaghad inkun nista' intih fotokopja tal-log book tal-vettura l-antika li kien qed jerga' jghaddiha lura lili biex huwa jkun jista; jmur biha ghand l-insurance. Jien ukoll tajtu kopja tal-logbook tal-vettura li dik allura issa jiehu tal-vettura BBH 049 halli biha wkoll imur ghand ta; l-insurance biex huwa jaqleb l-insurance fuq il-vettura l-

gdida u jkun jista’ jiehu n-no claim bonus tal-vettura l-antika.

Fil-fatt nghid li dan Bruce Micallef kien ghamel insurance fuq il-vettura l-gdida. Nghid illi dana Bruce Micallef imbaghad kien gie urieni illi kienet saret il-qalba ghal fuq l-insurance talk-vettura BBH u nghid illi kien qalli ukoll illi kellu problema rigwardanti il-magna ta’ dina l-vettura. Jiena offrejtlu u fil-fatt huwa accetta, offrejtlu u accetta li naghtih magna ohra differenti. Fil-fatt fis-sens illi nibdillu l-magna. Kelli jiena magna fil-pussess tieghi u l-mechanic tieghi stess b’appuntament ma’ dan Bruce Micallef fil-fatt kien biddilu l-magna u dan a spejjez tieghi. Nghid fil-mument illi saret it-tibdil ta’ l-magna ta’ din il-vettura BBH l-insurance kienet inqalbet fuq il-vettura BBH pero’ nghid illi t-transfer fuq Bruce Micallef ghal din il-vettura kien ghadu ma sarx.

<u>Il-mechanic kien dam xi gimghatejn biex biddel il-magna tal-vettura BBH 049. stante allura jiena ridt naghmel tibdil fil-logbook dwar change of engine u dana referenza ghal vettura BBH 049 allura kien ghadu ma sarx it-transfer fuq Bruce Micallef. Jiena wkoll lil Bruce Micallef tajtu n-numru tal-magna il-gdida u huwa mar ghand l-insurance biex isir it-tibdil ta’ l-insurance in kwantu dan in-numru u lili gabli lura imbaghad l-insurance certificate bin-numru tal-magna kif issa kien fil-vettura BBH 049. Nghid imbaghad kif kienet il-procedura dak iz-zmien kelli immur bil-log book tal-vettura BBH 049 fl-SVS tal-Pulizija u jiena mieghi wkoll kont hadt ghand il-Pulizija il-log book tal-karozza li minnha ittiehdet il-magna li imbaghad tpoggiet fil-vettura BBH 049.</u>

<u>Imlejna l-formola tac-change of engine, dina l-formola u kien imbaghad Bruce Micallef jiffirma dina d-dokument. Jiena imlejt ovvjament id-dettalji. Meta jiena kont mort ghand l-SVS tal-Pulizija il-vettura BBH 049 kienet qeghda fil-pussess ta’ Bruce Micallef. Nghid illi jiena imbaghad ghamilt appuntament ghal l-SVS tal-Pulizija u nghid illi Bruce Micallef ma kienx gie ghal appuntament. U nghid illi dak illi ebda jonqos li jaghmel Bruce Micallef kien illi beda jonqos li jgib il-vettura BBH 049 ghand il-Pulizija biex dawna jkunu jistghu formalment jaraw in-numru tal-magna</u>

il-gdida li kien hemm gol-vettura BBH 049. wara din l-ispezzjoni imbaghad, peress li l-Pulizija li jkun ghamel l-ispezzjoni jittimbra d-dokumetazzjoni imbaghad wiehed ikun jista' jaghmel ic-change of engine fil-log book. U dina ma setghetx issir ghaliex Bruce Micallef ma bediex ittella' l-vettura ghand il-Pulizija biex jezaminaw in-numru tal-magna.

Nghid illi Bruce Micallef f'dak l-istadju kien ghadu ma hallaasniex kollox in kwantu ghal din il-vettura li ha. Fil-fatt nghid illi sal-lum stess ghad jonqsu jaghtini mitejn lira ghal din il-vettura li ha l-BBH 049. Jiena bdejt nipprova nissikka lil Bruce Micallef u anke mortlu dar biex huwa jigi halli jiehu l-vettura ghal ispezzjoni tan-numru tal-magna. Dan baqa' ma jigiex. Imbaghad nghid illi jiena kienu baghtu ghalija l-Pulizija, u kien baghat ghalija l-Ispettur Ivan Portelli. Jiena l-Ispettur Ivan Portelli kien qalli illi jiena kelli naqbad u naghmel it-transfer fuq din il-vettura u jiena saqsejtu imma min kien sejjer jiffirma bhala xhud ta' transfer. L-Ispettur qalli li kien se jaghmilha hu stess. Fil-fatt ghamilli timbru u firma ta' l-economic crime unit tal-Pulizija u qalli biex immur naghmel it-transfer. U dan it-transfer allura li ffirmali l-Ispettur kien biex jiena naghmel it-transfer tal-vettura bil-magna l-antika.

Nghid allura l-insurance peress li giet mibdula ma kinitx se jaqbel in-numru tal-magna ghaliex l-insurance kellha n-numru tal-magna l-gdida mentri fuq it-transfer kien ser ikun in-numru tal-magna l-antika. Jiena nixtieq nghid illi l-Ispettur Ivan Portelli kien qalli dan l-inkwiet x'tanbih. Qalli biex naghmel it-transfer, iffirmali d-dokumentazzjoni anki ghamilli t-timbru dan nonostante l-fatt li jien lil dan l-Ispettur ghidtlu x'inhi s-sitwazzjoni. Jiena spjegajtlu illi jiena ma stajtx naghmel transfer tal-vettura once illi l-magna kienet giet mibdula. L-Ispettur qalli illi jiena kelli mmur u naghmel it-transfer. Jiena imbaghad mort ghand l-Avukat u hadt parir Legali. L-Avukat qalli li jien ma stajtx naghmel dan u qalli li anke l-insurance ma kenitx se taqbel. Imbaghad jum minnhom l-Ispettur Ivan Portelli cempilli u qalli jekk kontx ghamilt it-transfer u jien ghidtlu le. Jiena ghidtlu li jiena ma kontx se naghmlu jekk, la c-change of engine kienet inbidlet. U hu kien irrispondini l-

<u>Ispettur Ivan Portelli li hu kien se johrogli akkuza u jiena ghidtlu li jiena kont ser inkellem lil Avukat.</u>

<u>Nghid ukoll l-Ispettur Ivan Portelli lili kien talabni biex jiena naghtih lura it-transfer form li hu ffirma bhala xhud u jien ma tajtielux lura.</u> In kwantu ghal vettura BBH 049 jiena ma nafx x'kien ghamel biha Bruce Micallef. Li nghid hu minhabba dina l-pozizzjoni li semmejt it-transfer ma kienx sehh, Lili gurnata minnhom li konna qeghdin il-Qorti quddiem il-Magistrat Dr Cassar barra l-Awla Bruce Micallef lili kien qalli li l-vettura kien telaqha u ma kienx qed juzaha." (Sottolinjar tal-Qorti)

Taghmel ukoll referenza ghall-kontro-ezami tal-Ispettur Ivan Portelli (illum ex Spettur) li sar fis-Seduta tat-13 ta' Lulju, 2000 fejn jintqal:

"Avukat: Nghid sew li Bianco qallek li ma jridx jaghmel it-transfer, il-ghaliex kien hemm bdil ta' magna u ma riedx jiffirma dikjarazzjoni falza?

Xhud: Lili l-imputat l-ewwel ma qalli kien li kien hemm xi disgwit fil-flus tal-pagament tal-karozza.

Avukat: Saqsejtek qallekx li hemm bdil ta' magna u ma jridx jiffirma dikjarazzjoni falza.

Xhud: Dikjarazzjoni falza, jien ma nafx fuq id-dikjarazzjoni falza x'inhi, lili l-imputat qatt ma urieni dikjarazzjonijiet lili. Lili kull ma qalli, u meta hadt l-istqarrija tieghu ukoll, li dan biegh il-karozza. Biegh il-karozza lill-kwerelanti biex dawn ovvjament ikunu jistghu juzaw din il-karozza li huma xtraw bil-qbil li jaghmillhom it-transfer ukoll, it-transfer baqa' ma sarx.

Avukat: Tiftakar li ghedtlek jien stess hawnhekk il-Qorti li jien kont tajtu parir biex ma jiffirmax dokument falz? Li juri magna li llum mhijiex fuq il-vettura.

Xhud: Jiena bqajt ma rajt xejn minn dawn id-dokumenti.

Qorti: Xi darba tkellimt mas-sur Avukat?

Xhud: Tkellimt, iva.

Qorti: X'kien id-diskors?

Xhud: <u>Kien qalli fuq din id-dikjarazzjoni ta' xi magna.</u>

Qorti: <u>X'kien qallek l-avukat?</u>

Xhud: <u>Ma niftakarx ezatt x'kien qalli.</u>

Qorti: <u>Fuq hiex bejn wiehed u iehor?</u>

Xhud: <u>Fuq xi magna. Niftakar li kien kellimni fuq xi magna."</u> (Sottolinjar tal-Qorti)

Taghmel hawn referenza ghal bran mid-deposizzjoni tax-xhud Bruce Micallef moghtija fis-Seduta tat-13 ta' Lulju 2000 fejn dan ix-xhud, inter alia qal:

"…………………………." Xhud: Iddiljajt il-karozza mieghu jiena ghax kelli karozza. Ghamilna l-pagamenti li nhallsu, u suppost li jaghtik il-log book mal-karozza, u ma tahuli qatt. Issa wasalt biex inhallas il-karozza u hallastha. U ergajt tlabtu l-log book biex naghmlu t-transfer taghha.

Qorti: Thallas lil min?

Xhud: Lil Charlie.

Qorti: Jigifieri fil-bidu tajtu xi flus?

Xhud: Daka konna iddiljajt karozza.

Qorti: X'jigifieri ddiljajt f'karozza, ghax m'hiniex nifhem?

Xhud: Karozza ma' karozza.

Qorti: Bdiltu karozza.

Xhud: U ried iz-zieda.

Qorti: Karozza tieghek u tieghu bdiltu?

Xhud: Wahda kienet tieghu u wahda kienet tieghi.

Qorti: Xi ftehmtu, barra li tibdluhom?

Xhud: Li nzidu.

Qorti: Kemm?

Xhud: Hames mija.

Qorti: X'gara wara?

Xhud: Wara li hallastu jien dan u xbajt nitolbu l-log book.

Qorti: Hallastu u kemm tajtu?

Xhud: Hames mija.

Qorti: Il-prezz shih.

Xhud: Il-prezz li talabni tajtulu. Gejt biex naghmel it-transfer taghha din il-karozza, il-log book taghha jew m'ghandiex jew ma nafx, ghax hu kien qalli din il-karozza log book taghha m'ghandiex. U jien gejt biex naghmel it-transfer u qatt ma gie l-log book taghha u ghadda z-zmien u tajtu l-flus tal-licenzji li kellha b'lura u hallastu. Qalli ha ngibhomlok u ma gabli xejn, lanqas. Ghandi l-karti fuqi.

Pros: Barra l-hames mitt lira tajtu xi flus ohra inti?

Xhud: U zgur tajtu wahda b'lura u li nhallsilha t'issa, ta' din is-sena. Ghamilli karta li tajtu s-sittin lira tal-licenzji li kellu jhallasli ghax qalli naghmilhomlok u m'ghamilli xejn. Meta gejt biex nitolbu l-licenzji li suppost hallasni, ma tahomliex, wara jumejn cempiltu ghal darba, tnejn, tlieta jien, u minn fuq, qalali r-razza minn fuq it-telefon, offendieni bil-Malti.

Pros: Meta mort tixtri din il-karozza, l-log book kien tahulek? Kif bqajt wara s-sale tal-karozza?

Xhud: Bla log book, wara l-hajt.

Pros: Mhux qed tuzaha jigifieri?

Xhud: Le, xejn. Ma nistax nuzaha ghax bil-pulizija. Ghax m'ghandiex licenzja fuq il-windscreen.

Qorti: X'jigifieri gie l-pulizija?

Xhud: Ghax dan meta ma riedx itini l-affarijiet mort id-Depot tal-pulizija biex inkun naf l-affarijiet kif inhuma u l-karozza qalli li ma tistax issuqha, ghax la log book u lanqas licenzja. Qalli biex ma ncaqlaqiex minn hemm. Huwa gieghlni biex inqabbad l-avukat, biex nimxi bl-avukat.

Pros: Qatt mort tkellmu wara dan kollu lill-imputat?

Xhud: Le.

Qorti: Dan kien hemm f'din il-kwistjoni xi haga dwar xi magna fil-karozza?

Xhud: Le. Ghax din kellha xi magna imtajra, ma kelliex magna sewwa u minn naha tieghu offrieli magna, u bdilna l-magna. Kellu jtini l-karti kif suppost meta jtini l-log book u nhallsilha l-licenzji biex imbaghad intellaghha ghall-inspection form u jinqaleb kollox u ma tani xejn.

Qorti: Din il-magna minn fejn kellha tigi?

Xhud: Minn karozza bhala, kienet ghall-iscrap.

Qorti: Ta' min kienet?

Xhud: Tieghu stess, tad-dealer.

Qorti: Kif taf li kienet tieghu?

Xhud: Hu tahieli.

Qorti: Rajtha din xi darba?

Xhud: Kienet f'garage ghaliha.

Qorti: F'liema garage?

Xhud: Dan ghandu zewg garaxxijiet, fil-faccata kienet.

Qorti: Garage ta' l-akkuzat jigifieri?

Xhud: Garage fejn jinbieghu l-karozzi.

Qorti: Ta' min hu l-garage?

Xhud: Tieghu stess, tad-dealer."

Hawn il-Qorti tirrileva li l-akkuza migjuba kontra l-imputat tinkwadra ruhha fl-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti issa sejra taghmel referenza ghal bran mis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Glen sive John Debattista" moghtija fit-8 ta' Marzu, 1995 (Att ta' Akkuza Nru 11/88).

"Illi fis-sentenza taghha tas-27 ta' Mejju, 1935 moghtija mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta in re Rex vs Vittorio Azzopardi (Vol XXIX - iv - p.398) il-Qorti iccitat estensivament mic-Chaveau et Helie u anki minn diversi sentenzi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat tat-truffa li l-manuvri jew raggiri ikunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajjmu s-sentimenti ohra imsemmija mill-ligi. F'dik il-kawza issemmiet ukoll is-sentenza Regina vs Giuseppe Galea tat-12 ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit illi "che per costituire la frode sotto la disposizione da quel articolo 282 (illum 308) non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti."

Dwar l-artifizi hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Per ezempju in re Il-Pulizija vs Nikol Bonnici (27 ta' Mejju, 1944) il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet: "Il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha ……. waslet ghall-konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun hemm reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il- kliem ikun akkompanjat minn apparat estern li isahhah il- kliem stess fil-menti tal-iffrodat. Dina it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anki kolleggjalment komposta fil-kawa Regina vs Francesco Cachia u Charles Beck deciza fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha intqal illi "quello articolo non richiede solamente un'asserzione menzogniera e falsa, ma richiede inoltre che siano stante impiegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falsa assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darlo fede".

Fis-sentenza taghha in re Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis tal-31 ta' Ottubru, 1959, il-Qorti Tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) presjeduta mill-Imhallef G. Flores kienet qalet illi "ghar-reat tat-truffa kontemplat fl-artikolu 322 tal-Kodici Kriminali (illum artikolu 308) kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li isservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera, u hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra is-semplici kliem u luzingi, u li taghti lil dawn, l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea, l-espressjoni felici fid-dritt Franciz "mis-en-scene".

Jista' jizdied ukoll li mill-gurisprudenza nostrali, l-aktar awturi iccitati mill-Qrati taghna huma l-Arabia, il-Pincherle, ic-Chaveau et Helie, ic-Chaveau, il-Carrara u l-Pessina.

Illum, ghalhekk, huwa assodat fil- gurisprudenza taghna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa, ghal dawk li huma

artifizi, ma hix bizzejjed s-semplici gidba, izda jinhtieg li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-“magna callidibus ad decipiendum aliquam addibite”; irid ikun hemm dik l-impostura li tikkonstringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipparalizza d-diligenza tal- iffrodat u tissorprendilu il-bwona fede tieghu.”

“………………”

“Kwantu jirrigwarda l-element tad-dolo dak li hu mehtieg li jigi pruvat huwa s-segwenti:

a) fl-ewwel lok irid ikun hemm l-in tenzjoni tal-frodatur li jipprokura b’ingann il-konsenja ta’ flus jew oggetti bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-istess artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) fejn jirrikorru il-kliem “bi hsara ta’ haddiehor” il-lezjoni ta’ dritt, u l-profitt ikun ingust appuntu ghax ikun hemm lezzjoni ta’ dritt.

b) Hemm bzonn ukoll jigi pruvat illi s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tar- reat ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b’dan il-mod il-legittimita’ produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

Fl-ahharnett din il-Qorti jidhrilha li hu rilevanti jigi ripetut dak li kienet qalet fis-sentenza taghha preliminari f’din l-istess kawza pronunzjata fit-22 ta’ Novembru 1990 u cioe:

a) Fl-ewwel lok, illi essenzjalment l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 308 huma tnejn - l-element immaginarju u l-element fattwali, inkwantu l- akkuzat biex jaghmel qligh indebitu jivvinta storja u jara kif jaghmel biex jillustraha, biex jikkonvinci lill-vittma biex temmen l-istorja. Tradizzjonalment fil-kontest tal-frodi, jintuzaw is-sostantivi raggiro u mise - en - scene. Ta’ l-ewwel, fil-lingwa Taljana, per estensjoni, saret tfisser proprju “truffa, inganno, imbroglio”, pero’ originarjament kienet tiddeskrivi l-azzjoni li biha wiehed jdur u jerga jdur ma’ persuna ohra, b’fittagni, bil-hsieb li jdawru biex jaghmel xi haga li l-ewwel persuna tkun tixtieq li l- ohra taghmel. Dak li fit-Taljan

difatti jinghad - “irretirlo in imbroglio” - bhala definizzjoni ta’ “raggirare” - fil-Malti nuzaw l-espressjoni - idahhal fl-ixkora”. Mise-en-scene tirriferixxi ghal dak kollu li jintuza fuq il-palk ta’ teatru biex johloq l-atmosfera fittizja li jkun hemm bzonn ghar-recta li tkun se ssir.

b) Fit-tieni lok, illi parti mill- artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, jista’ jigi anki limitat ghal dik il-parti li tghid - “Kull min b’mezzi kontra l- ligi …. jew billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ ….krediti immaginarji” ”

Illi, fil-fehma tal-Qorti, minn ezami tal-provi prodotti u konfortata bil-gurisprudenza nostrana tali akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Difatti il-Qorti tiddikjara illi l-fatti speci tal-kaz in disamina ma’ jinkwadrawx fl-elementi tar-reat li bih jinsab akkuzat l-imputat Bianco. Inoltre lanqas ma jirrizulta sodisfacentement ippruvat ir-reat minuri, izda kompriz u involut f’dak ta’ truffa, lukru frawdolent innominat (Art. 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat Charles Bianco mill-akkuza migjuba kontra tieghu stante li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Finalment fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-imputat Charles Bianco fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2007 u tad-dokument esebit mill-istess imputat fl-imsemmija deposizzjoni, liema dokument hu markat bhala Dok CBA3, tordna in-notifika ta’ vera kopja ta’ din is-Sentenza, ta’ vera kopja tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-imputat hawn fuq riferita u ta’ vera kopja tad-dokument hawn fuq riferit u li hu esebit bhala Dok CBA3 lill-Kummissarju tal-Pulizija liema dokumenti ghandhom ikunu awtentikati bhala vera kopja mid-Deputat Registratur u tordna li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji u jiehu l-passi kollha opportuni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------